Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 26 ta' April 2023**
**(OR. en)**

**6781/23**

**CDR 47**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika tal-Finlandja, fil-Kumitat tar-Reġjuni<br>- Adozzjoni |

1. Permezz ta' ittra tad-29 ta' Marzu 2023[1], is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bit-tmiem tal-mandat li abbażi tiegħu s-Sa Annette BERGBO ġiet proposta għall-ħatra u nħatret.

2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill jaħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni, billi jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sa BERGBO, il-Gvern Finlandiż ipproponа[2] lis-Sur Jesper JOSEFSSON, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali ta' awtorità reġjonali, *Lagtingsledamot, Ålands lagting* (Membru tal-Parlament, il-Parlament ta' Åland),, bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

[1] 8348/23.
[2] 6678/23.

4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument 6780/23 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.